# L-Orgni Maestuż ta' Bormla: Għalaq 150 sena



Dr Simon Mercieca

Fl-arkivju tan-nutara ġewwa l-Belt, fost il-ħafna kuntratti li wieħed isib, hemm dak dwar il-bini tal-orgni preżenti li jżejjen il-Kolleġġjata ta' Bormla. Il-kuntratt tal-ħlas għal bini ta' dan l-orgni maestuż sar 150 sena ilu għand in-nutar Salvatore Scifo. In-nutar Scifo kien wieħed mill-aktar nutara nfittxija f'dik il-ħabta ġewwa Bormla. Hu kien joqgħod fi Triq San Pawl, numbru 116. Il-kuntratti li kellhom x'jaqsmu mal-Kolleġġjata kienu jsiru għandu. Il-kanoniċi ta' Bormla kienu jmorru għandu biex jagħmlu l-kuntratti tagħhom favur għotjiet ġenerużi lill-knisja tal-Immakulata li kienet tant għal qalbhom. Għalhekk ma setax jonqos, li meta ġew biex jagħmlu orgni ġdid, huma marru għand dan in-nutar biex jorbtu lill-persuna magħżula biex tibni dan l-organi, b'termini speċifiċi. Huma riedu orgni li jagħmel ġieħ lil Bormla u lil Malta.



Il-pajpijiet tal-orgni

Dan l-orgni ġdid kellu jieħu post ieħor aktar antik tal-kanen li kien sar madwar is-sena 1695. L-orgni l-qadim ġie kkommissjonat għand wieħed mill-aqwa organari (jiġifieri bennej tal-orgnijiet tas-sfafar) li kien hawn f'Malta f'dik il-ħabta, Gaetano Turiglio. Il-kuntratt għal bini ta' dan l-orgni kien sar fit-28 ta' Ġunju 1695. Fost l-orgnijiet li Turiglio kien għamel u li għadu jeżisti, hemm dak tal-Knisja tal-Università (jew kif inhi magħrufa aħjar bħala tal-Ġiżwiti) ġewwa l-Belt Valletta. Turiglio għamel dan l-orgni għal Bormla biex iservi għall-bżonnijiet mużikali tal-knisja li kienet qed tinbena, jiġifieri dik li għandna llum. Meta sar dan l-orgni tqiegħed fil-gallerija apposta li kienet saret fuq il-bieb tal-knisja. Għalhekk il-knisja ta' Bormla kienet waħda mill-ewwel knejjes f'Malta li għamlet orgni u qegħditu fuq il-bieb tal-knisja f'gallerija apposta. Sa dik il-ħabta, l-orgnijiet kienu jitqegħdu f'gallerija apposta li kienet issir fil-kor tal-knisja bħalma għadu jidher f'numru ta' knejjes ġewwa Malta. Dan l-orgni kien għal qalb tal-prokuraturi tal-knisja u kienu jagħtuh importanza kbira. Infatti, Bormla f'dik il-ħabta kienet ewlenija fid-daqq tal-mużika tal-knisja u l-knejjes tal-madwar kienu jimxu fuq



1459

[illegible]

Contratto N. 148.

Addì quattordici No-vembre dell'anno mil-leottocento sessanta due 1862

Personalmente costituito avanti di me Notaro residente con officio in questa Città Cospicua Strada San Paolo N. 114. e testimonj infrascritti il Fabbricante d'organi Marchi Natale, figlio del



1460.

del Signor [illegible], nato, e residente in Milano, da me Notaro conosciuto, di sua libera [illegible] dichiara d'aver avuto, e ricevuto dal Parroco, e Molto Revdo Signor Canonico Decano Dr. Don Luigi Albanese, figlio del defunto Nego=ziante Signor Salvatore nato, e residente nella detta Cospicua, da me Notaro ben conosciuto presente, e accettante nella presente



1461.

presente stipulazione quale uno dei Depu=tati del Reverendissimo Capitolo della Insigne Collegiata Chiesa Parroc=chiale della suddetta Città Cospicua stipulante, la somma di Otto Mila [illegible] in due parti, come [illegible]; quali col presente [illegible] di nessun effetto, perchè sono in totale pa=gamento del prezzo con=venuto tra il suddetto Signor Canonico



1462.

Canonico Albanese nomi=ne, ed esso Signor Marchi per la fabbrica, e nuova costruzione dell'organo situato nella suddetta Collegiata, e per uso della medesima —

Successivamente il sud-detto Marchi, dichiara di ricevere dal suddetto Signor Canonico Albanese nomine Lire [illegible] per=sonalmente in moneta d'argento, quali sono in pagamento del prezzo


1463.

di due Registri aggiunti
al detto organo, oltre
quelli già tra li mede-
simi convenuti, e sta-
-biliti.
E finalmente poi il nomi-
-nato Signor Morelli in
vista del presente paga-
-mento, ha dichiarato, e
dichiara per qualunque
ben fine, ed effetto in
legge, di non vantare
dritti, crediti, e preten-
-sioni, di sorta alcuna
e per veruno titolo, e
Causa


1464.

Causa, contro il suddetto
Signor Canonico Don
Luigi Albanese nomine
per l'ultimazione e stabili-
-mento del suddetto nuovo
organo.
E per fine dei contraenti
sono stati da me pre-
-detto ed infrascritto Nota-
-ro debitamente certi-
-ziorati sull'importan-
-za di ciascuna parte
del presente atto.
Fatto e pubblicato in
Malta, e nella suddetta
Coscienza


Coscienza, ed in Casa
propria del suddetto Signor
Canonico sita in Strada
San Paolo N. 57, alla
presenza dei qui appresso
dichiarati, e firmati
testimonj aventi tutti i
requisiti voluti dalla
legge, non congiunti, nè
affini di me Notaro
infrascritto, nè dei sud-
-detti contraenti secondo
il loro detto = Sacerdote
Carlo Chetcuti di Luigi,
ed Industriale Salvatore
Cassar


1466.

Cassar del fu Giovanni
Nel nome di Dio Amen

Il-kuntratt tax-xiri tal-orgni ta' Morelli

l-eżempju tagħha. Madwar għoxrin sena wara, jiġifieri fl-20 ta' Novembru 1715, il-prokuraturi tal-knisja, Fr Giovanni Antonio Schembri u Dr Vittorio Grech kienu waslu fi ftehim ma' Turiglio biex dan jibda jagħmel il-manutenzjoni ta' dan l-orgni, għall-inqas darba fis-sena. Ġie miftiehem ukoll, li tul ħajtu, Gaetano Turiglio kellu jibqa' responsabbli mill-ikkordar tal-orgni u ta' dan ix-xogħol kellu jitħallas 6 skudi fis-sena.[1] Wara l-mewt ta' Turiglio jidher li kien hemm xi problemi min ser ikompli jagħmel l-akkordatura ta' dan l-orgni. Fl-1751, Dun Fortunato Demarco, qassis minn Bormla, u persuna rispettata u ta' responsabbilità kbira, aċċetta li jidħol għal din il-biċċa xogħol. Dan il-qassis kellu mħabba kbira lejn il-mużika ġewwa Bormla. Hu aċċetta li jkun responsabbli mill-mużika fil-knisja u aċċetta wkoll li jibda jieħu ħsieb l-akkordatura ta' dan l-orgni. Dan il-kuntratt jurina l-importanza li l-knisja ta' Bormla kienet tagħti għall-użu tal-orgni waqt il-festa tal-Immakulata, għaliex Demarco ġie marbut li jagħmel dan ix-xogħol ftit qabel il-festa. In fatti, hu kien jirċievi l-ħlas wara li jkun għamel ix-xogħol fuqu u dan il-ħlas kien isir ftit qabel il-festa. Demarco aċċetta wkoll li jitħallas 5 skudi u 6 tari, jiġifieri 6 tari inqas milli kien qed jieħu Gaetano Turiglio għall-istess xogħol.[2]

Il-preżenza ta' dan l-orgni wassal biex knejjes oħra f'Bormla u fil-madwar jibnu wkoll orgnijiet. Fost dawn insibu lill-patrijiet Karmelitani Skalzi li għamlu orgni ta' seba' reġistri. Il-ftehim għal dan l-orgni kien sar fit-2 ta' Ġunju 1746 mingħand it-tfal ta' Gaetano, Giuseppe u Pietro Turiglio. Il-prokuratur kien il-kanonku Giorgio Fenech, li qabel li għandu jagħtihom il-landa, iċ-ċomb, il-ħadid, l-imsiemer u l-injam biex ikunu jistgħu jibnu l-kaxxa tal-orgni u affarijiet oħra neċessarji. Materjali oħra iżda kellhom iġibuhom u jieħdu ħsiebhom il-bennejja ta' dan l-orgni. Fuq kollox, Pietro Turiglio ntrabat li jibqa' jagħmel il-manutenzjoni ta' dan l-orgni b'xejn tul ħajtu kollha u ta' dan ix-xoghol, aċċetta li ma jitħallasx.[3]

Fuq kollox fl-1768, inħass il-bżonn biex organetto żgħir li kien hemm fil-knisja ta' l-Immakulata, jinbidel u jsir orgni żgħir ġdid, dan minħabba li meta dan l-organetto ġie eżaminat mill-organaru Pietro Santucci, dan sabu fi stat ħażin u ta l-parir biex isir wieħed ġdid minfloku. Il-prokuratur tal-knisja tal-Immakulata ta' dak iż-żmien, Don Giuseppe Lacorte qabel ma' din il-proposta u ordna mingħand Santucci orgni ġdid żgħir għall-knisja.[4] Dan l-orgni għadu jeżisti u wara li ġie rrestawrat tliet snin ilu minn Robert Buhagiar, fuq sponsorship ġeneruż mill-APS Bank, illum jinsab fil-gallarija tal-orgni tal-oratorju tal-Kurċifiss.

Matul is-seklu dsatax, beda jinħass il-bżonn ta' orgni ġdid għal ġewwa l-knisja ta' Bormla għax dak ta' Turiglio ma baqax iservi aktar kif jixraq il-bżonnijiet mużikali tas-seklu dsatax fejn issa l-idjoma romantika bdiet tiddomina l-kompożizzjonijiet mużikali. L-Italja kienet għada ċ-ċentru tal-produzzjoni mużikali iżda l-produzzjoni tal-mużika fl-Italja kienet mxiet min-naħa t'isfel għal fuq tal-Peninsula. Bil-wasla ta' Giuseppe Verdi fuq ix-xena mużikali Taljana, Milan sar iċ-ċentru tal-produzzjoni mużikali ġewwa l-Ewropa kollha sakemm tfaċċa Wagner u daħħal stili ġodda u mexxa ċ-ċentru mużikali għall-Ġermanja fejn ġiet ipperfezzjonata l-idea tal-orkestra filarmonika.

Għalhekk, meta l-kanoniċi ta' Bormla ġew biex jagħmlu orgni ġdid, kienu jafu sew il-kambjamenti mużikali li kienu seħħew fl-Ewropa bir-riżultat li ma ħarsux aktar lejn Sqallija jew l-Italja ta' Isfel, kif kien ġara matul l-epoka barokka, iżda tefgħu għajnejhom fuq Milan, jiġifieri l-belt li kienet saret iċ-ċentru tal-produzzjoni tal-mużika fid-dinja ta' dak iż-żmien u riedu orgni li kien kapaċi jdoqq ir-repertorju romantiku.

Huma marru jħabbtu l-bieb ta' wieħed mill-aktar organari importanti li kien hemm f'Milan dik il-ħabta. Dan kien Natale Morelli. Meta tqabbad mill-kanoniċi ta' Bormla hu kien ġa għamel isem Milan f'dan il-qasam. Fost l-orgnijiet li Natale Morelli kien ġa għamel għall-knejjes ġewwa Milan u l-inħawi ta' madwar kien hemm dak tal-knisja ddedikata lill-qaddisin Giovanni di Dio u Vincenzo fl-isptar Fatebenefratelli li tinsab Corso di Porta Nuova 23, Milano. Dan l-orgni sar fl-1853 u ġie rrestawrat fl-2008. Orgni ieħor li hu għamel f'dik is-sena hu dak li jinsab fl-Abbazia di Chiaravalle.

Ta' bniedem professjonali li kien, Natale Morelli kien ġie Malta minn Milan ħalli jara aħjar ix-xogħol li ried isir biex il-knisja ta' Bormla jkollha orgni li kien tajjeb għaddaqs tagħha. Għadu mhux magħruf minn kien wara dawn il-kuntatti ma' Morelli u kif Bormla saret taf b'dan l-organaru. Biss id-dokumenti jippuntaw subgħajhom lejn id-dekan tal-kapitlu ta' Bormla, jiġifieri "il-wisq reverendu sinjur, Kanonku Dekan, Dott. Luigi Albanese". Hekk indirizzah in-nutar fil-kuntratt li ġie ffirmat ma' Natale Morelli għall-bini ta' dan l-orgni. Dun Albanese twieled u għex ġewwa Bormla, fl-istess triq fejn kien jgħix in-nutar, jiġifieri Strada San Paolo. Fuq kollox hu kien it-tifel tal-mejjet negozjant, is-Sur Salvatore. Bħal missieru, il-Kanonku Albanese kien tgħallem sew kif ikun ħawtiel u din is-sengħa użaha ħafna favur it-tisbiħ tal-knisja ta' Bormla. Hu kien il-bniedem li l-kapitlu ta' Bormla kien jiddelega għal proġetti ta' tisbieħ tal-knisja.

Id-dokument li qed nirriproduci f'dan l-artiklu juri biċ-ċar li kien ġa sar ftehim preliminari ma' Natale Morelli ta' kif kellu jkun l-orgni. Biss wara dan il-ftehim, kien inħass il-ħtiega li jiżdiedu żewġ reġistri oħra. Dan ix-xoghol kien tlesta sal-1862. Ghalhekk kulma kien jonqos kien biex Morelli jinstalla l-orgni f'postu waqt li jkompli jitħallas tax-xoghol tiegħu. Infatti, il-qbil kien li Morelli jitħallas f'żewg rati ta' pagamenti. L-aħħar rata saret mat-tqegħid tal-orgni u dawn il-ħlasijiet, bħalma juri l-kuntratt li qed ikun ripprodott, kien ukoll kopert minn skrittura quddiem nutar, li kienet qed isservi ta' riċevuta.

Dan l-orgni kien qam lil Bormla tmint elef frank. Il-ħlas kien qed isir permezz tal-franki li kienet il-munita użata f'Milan f'dik il-ħabta. Barra dan il-ħlas kien hemm ukoll ħlas addizzjonali għal dawk iż-żewġ reġistri, li kien apparti mill-kuntratt miftiehem ma' Morelli. Ta' dan ix-xogħol, Morelli kien tħallas 10 liri tal-fidda. B'hekk l-orgni kien lest fl-1862 u din id-data ġiet imfakkra fuq l-orgni innifsu permezz ta' plakka.

Dan il-kuntratt jagħtina ħafna dettalji oħra, fosthom li kien ġie ffirmat fid-dar tal-Kanonku Albanese stess, numru 57 ġo Triq San Pawl. Jurina minn kienu x-xhieda, jiġifieri, Carlo Chetcuti u Salvatore Cassar.

Fuq kollox, il-bżonn ta' orgni ġdid wassal għall-bżonn ta' gallarija tal-orgni ġdida. Il-gallariji tal-orgni kienu jsiru tal-injam, minħabba raġunijiet ta' estetika mużikali, ħalli l-ħoss u l-mużika setgħu jkunu trasmessi aħjar ġewwa l-knisja waqt il-funzjonijiet reliġjużi. Infatti, il-kunċett wara l-bini ta' dawn il-gallarijiet tal-orgni kien dak wara l-bini ta' palk għat-teatru. Nafu li l-gallarija preżenti saret wara l-1862 għaliex fis-sagristija għadu jeżisti d-disinn li kien sar biex jilqa' fih dan l-orgni maestuż ġdid u uniku għal Malta.

Is-sena 1862 kienet waħda attiva fuq livell mużikali għal Bormla. Mhux biss, f'dik is-sena kien twaħħal dan l-orgni, iżda wkoll twaqqfet b'mod permanenti banda ġewwa Bormla. Dan ma jfissirx li qabel din id-data ma kienx hemm baned f'Bormla, jew il-baned ma kinux jieħdu sehem fil-festi li kienu jsiru ġewwa Bormla minn fratellanzi

differenti. Hawn ser nikkwota biss mir-reġistri tal-Fratellanza tar-Ružarju li juri li ġa fl-1825 kienet tieħu sehem banda. Biss mhux kull sena kienet tieħu sehem l-istess banda. Fil-festa tar-Ružarju tal-1828, ħadet sehem banda bl-isem ta' R.M: li probabbilment tfisser, il-banda tar-Rigment Malti jew *Regimento Maltese*. Ma hemmx dubju li ġo Bormla kienet teżisti banda ad hoc f'dawn iż-żminiijiet imbegħda iżda l-istorja tad-daqq tal-baned ġewwa Bormla u dik tal-mużika waqt il-festa tal-Madonna tar-Ružarju, huwa suġġett għal studju ieħor.



Il-Console tal-orgni ta' Morelli

Biss b'dak li ġara fl-1862, il-knisja ta' Bormla akkwistat strument mużikali, li verament seta' jitqies bħala r-re tal-istrumenti mużikali kollha, jiġifieri orgni maestuż ħalli l-mużika f'Bormla tkompli tissaħħaħ waqt li tpaxxi lil kull minn kien jattendi għas-servizzi liturġiċi fil-knisja. Hija ħasra li dak li kien hemm qabel, jiġifieri dak magħmul minn Turiglio ma nafux x'sar minnu.



Il-Bombarda tal-orgni. Hija mqiegħda f'pożizzjoni orizzontali. Din il-pożizzjoni hija rari għax normalment tqiegħed vertikalment.

L-orgni ta' Bormla huwa wieħed totalment mekkaniku. Il-kollegament bejn it-tastiera, pedalliera kif ukoll ir-registri huwa kollu mekkaniku. Għandu tastiera waħda ta' 58 nota u pedalliera ta' 17-il nota u pedala għall-terzamano. Il-'levers' li jikkmandaw ir-registri tal-orgni jinsabu fuq in-naħa tal-lemin tat-tastiera u qegħdin f'żewġ ringieli weqfin.

Ir-ringiela ta' fuq il-lemin hija għar-reġistri 'di Ripieno' u dik tax-xellug hija għar-registri 'Da Concerto'. Jidher li matul iż-żmien, kienu saru xi kambjamenti u l-pożizzjoni ta' numru minn dawn ir-reġistri nbiddlet.

Dan l-orgni għandu aktar minn bankun wieħed. Bankun huwa struttura tal-injam li fuqha jpoġġu s-sfafar, u li fih jkun hemm valvoli li jikkontrollaw l-arja li tgħaddi għas-sfafar. Il-bankun prinċipali hu dak magħruf bħala 'somiere a vento'. Dan it-tip ta' bankun hu tipiku fl-orgnijiet

magħmula fl-Italja ta' Fuq matul is-seklu dsatax.

Fih hemm ukoll ħames bankuni żgħar għar-registri tal-pedalliera. Il-mod ta' kif jaħdem dan l-orgni hu li permezz ta' bankun 'a vento' imħaddem mekkaniżmu, li hu wieħed sempliċi iżda li jirrispondi tajjeb għat-tastiera. Min-naħa l-oħra, il-pedali jaħdmu b'mekkaniżmu aktar komplikat għaliex trid tħaddem ħames bankuni li jinsabu mxerrda mal-orgni kollu.


Il-mekkaniżmu tal-manwali tal-orgni

L-orgni għandu bżonn minfah biex jiġbor l-arja li mbagħad tgħaddi għas-sfafar. It-tip ta' minfaħ li għandu dan l-orgni hu magħruf bħala 'Parallel' b'żewġ settijiet ta' kustilji jingħalqu l-ġewwa. Oriġinarjament kellu wkoll tnejn jew tliet imniefaħ oħra iżgħar, iservu bħala pompi manwali tal-arja. Iżda dawn kienu ġew imneħħija meta mutur elettriku beda jforni l-arja lill-minfaħ, u għalhekk illum dan il-minfaħ ma jistax jintefaħ b'mod manwali iżda biss permezz ta' mutur tal-elettriku. Fuq il-faċċata għandu 25 kanna, li fihom persentaġġ għoli ta' stann. Il-maġġoranza tal-kanen li hemm fuq ġewwa, wara l-faċċata, fihom persentaġġ għoli ta' ċomb fil-ħadma tagħhom.

## Il-manwali tal-orgni:

| Il-kolonna tax-Xellug | Il-kolonna tal-Lemin |
|---|---|
| Principale 8 Bassi | Principale 16 Bassi |
| Viola 8 | Principale 16 Soprani |
| Principale 8 Soprani | Dulciana Soprani |
| Viola Celeste 8 | Ottava Bassi |
| Flauto 8 Soprani | Ottava Soprani |
| Flauto 4 Bassi | Ripieno 12 |
| Flauto 4 Soprani | Ripieno 15 |
| Undamaris | Ripieno 19 |
| Pedale 4 | Ripieno 22 |
| Subbasso 16 e 8 combinati | Ripieno 26 |
| Pedale 4/8 | Ripieno 29 |
| Bombarda | Ripieno 33 |
| Ottava Sopra | Tremolo |

## Aċċessorji oħra f'dan l-orgni

- Lever tas-sieq għall-'Combinazione Libera' (alla Lombarda).
- Lever tas-sieq għar-Ripieno (biex wieħed idaħħal il-manwali kollha tal-lemin).
- pedala ta' tmintax-il nota li tħaddem ukoll il-makkanizmu tal-'Ottava Sopra'.

B'dan it-tip ta' orgni, jista' jindaqq ir-repertorju kollu Verdjan.

Morelli bena orgni ieħor fil-gżejjer Maltin f'dik l-istess ħabta, u dan jinsab fil-knisja tax-Xagħra ġewwa Għawdex. L-orgni ta' Bormla huwa akbar minnu kemm fin-numru ta' sfafar kif ukoll fir- reġistri.

L-orgni ta' Bormla għandu tonalità rikka u sabiħa. Għalhekk dan l-orgni huwa wieħed mill-orgnijiet storiċi tas-seklu dsatax l-aktar importanti li għandha f'pajjiżna. Iżda minħabba l-istat preżenti ta' konservazzjoni, anki jekk dan l-orgni għadu jista' jindaqq, mhux f'kundizzjoni tajba biżżejjed biex fuqu jsiru kunċerti ta' ċertu livell artistiku. Il-problema prinċipali ġejja miż-żmien li għandhom il-partijiet mekkaniċi tiegħu mogħtija bil-ġlud. F'dan il-każ il-ġilda therriet. Problema oħra hija l-attakki mis-susa. L-orgni sofra wkoll minn numru ta' modifikazzjonijiet li saru matul iż-żminijiet.

Il-bankun prinċipali, li huwa l-moħħ tal-orgni, hu prinċipalment grid li fih hemm kanali u valvi biex minnhom tgħaddi l-arja għal ġol-kanen. Dan il-bankun ġie attakkat sew mis-susa. It-toqob tas-susa ikkrea passaġġi tal-arja minn kanal għall-ieħor u dan qed ikollu effett ħażin fuq id-daqq. Problemi oħra li fih dan l-orgni ġejja min-numru ta' valvi magħrufa bħala ventilabrini li mhux jagħlqu sew u qed iħallu l-arja tibqa' għaddejja ġol-kanen u b'hekk dawn jdoqqu anki meta mhux suppost.

Il-bankuni tal-baxxi, huma aktar sempliċi fid-disin tagħhom, u jinsabu f'kundizzjoni wkoll xejn tajba minħabba l-effett tas-susa. Waqt li hu normali li wieħed jiltaqa' ma' susa fil-partijiet tal-orgnijiet li huma magħmula mill-ġewż, f'dan il-każ, is-susa wkoll attakkat partijiet mill-kanen tal-injam li huma magħmula mill-injam tal-abjad u mekkaniżmu ieħor magħmul minn dan l-istess tip ta' njam. Il-mekkaniżmu wkoll għandu bżonn reviżjoni kompluta avolja bħalissa wieħed jista' jinqeda.

It-tastiera għada oriġinali iżda l-kisja tan-noti 'bojod' ġiet mibdula. Probabbli li originarjament kienet miksija bl-avorju, iżda llum nsibuwha miksija minn plastik abjad, probabbilment għax l-avorju tħaffer bl-użu. Dan il-plastik irid jinqala' u t-tasti jerġgħu jinksew b'materjal naturali adattat (għadam). Il-parti ta' quddiem tan-noti l-bojod għadha miksija bl-avorju originali għax din il-parti ma tinħakimx mis-swaba tal-organista.

Il-pedalliera tas-sieq hija dik oriġinali iżda wkoll għandha bżonn sew ta' restawr. Meta jiżżarma l-orgni, wieħed jista' jifhem ukoll x'tibdil sar fir-reġistri u fl-ismijiet tagħhom.

Ta' interess partikolari f'dan l-orgni hija l-preżenza ta' reġistru 'ad ancia' fil-manwal, iżda mbagħad ma hemm l-ebda lever tar-registri jikkorrispondi ma' dawn is-sfafar u għalhekk dawn is-sfafar illum ma jistgħux jindaqqu.

L-imniefaħ huma f'kundizzjoni li jaħdmu iżda l-ġilda tagħhom hija qadima u qed tagħmel l-arja. Għalhekk il-ġilda tal-imniefaħ trid tindibel. Fuq kollox, hu maħsub li jista' jkun hemm xi kanen nieqsa u għalhekk dawn iridu jerġgħu jsiru.

Dan l-orgni kien wieħed mill-affarijiet li kellhom jiġu rrestawrati mill-finanzjament Ewropew. Hija ħasra li minħabba li dan il-proġett tal-EU kellu jiġi abbandunat, dan l-orgni issa mhux ser ikun restawrat u għalhekk iċ-ċans hu li dan il-ġojjel jintilef għal dejjem. Nisperaw li jirnexxilna nsibu sponsors ħalli dan l-orgni jiġi salvat u b'hekk patrimonju ieħor ta' pajjiżna jerġa' jingħata l-glorja li jistħoqqlu.

*R. 432. pp. 1459-1466.*
*Contratto No. 448*

*Apoca Prò Ca Don Luigi Albanese et Natale Morelli.*
*Addi' quattordici Novembre dell'anno mille ottocento sessanta due 1862.*

*Personalmente certificato avanti di me notaro residente con ufficio in questa città Cospicua Strada San Paolo No. 116, testimoni infrascritti Morelli Natale figlio del signor Mose, di nascita e residenza Milano, da me Notaro conosciuto, di uso buoni animo dichiara d'aver avuto, e ricevuto dal perill(ustrissim)o e molto Rev(eren)do Signor Canonico Decano Dr. Don Luigi Albanese, figlio del defunto negoziante Signor Salvatore, nato e residente nella detta Cospicua, da me Notaro pur conosciuto, presente, e deviene nella presente stipulazione qual'uno delli deputati del Reverendissimo Capitolo della Preinsigne (sic.) Colleggiata Chiesa Parrochiale della suddetta città Cospicua, stipulante, la somma di otto mila franchi, cui due fiate, come dai rispettivi ricevi, quali col presente l'abbiano di nessun effetto, quali sono in totale pagamento del prezzo convenuto tra il sudetto signor canonico Albanese nomine, ed esso signor Morelli per la fabbrica e nuova costruzione dell'organo situato nella suddetta Colleggiata e per uso della medesima.*

*Successivamente il suo suddetto Morelli, dichiara di ricevere dal suddetto signor Canonico Albanese nomine, lire dieci presclusiamente in moneta d'argento, quali sono in pagamento del prezzo di due registri aggiunte al detto organo, altre quali gia tra li medesimi convenuti e stabili.*

*E finalmente poi il nominato Signor Morelli in vista del presente pagamento, ha dichiarato e dichiara per qualunque buon fine, ed effetto in legge, di non vantare dritti, credeti e pretensioni di sorta alcuna e per verun titolo e causa, contro il sudditto Signor Canonico Don Luigi Albanese nomine, per costruzione e stabilimento del suddetto nuovo organo.*

*E per fine essi contenuti sono stati da me predetto, ed infrascritto Notaro debitamentecerziorati (sic.) dall'importanza di ciascuna parte del presente contratto*

*Fatto e pubblicato in Malta, nella sudetta Cospicua, ed in casa propria del suddetto signor Canonico sita in strada San Paolo no. 57, alla presenza dei quai appresso dichiarati e firmati testimoni aventi tutti i requisiti valenti dalla legge non congiumenti ne affini di me notaro infrascritto ne dei suddetti contraenti secondo il loro detto = Scritturate Carlo Chetcuti di Luigi ed Industriale Salvatore Cassar del fu Giovanni iambi della Cospicua.*

*Moretti Natele – Decano Luigi Albanese come sopra – Carlo Chetcuti Testimonio = Salvatore Cassar Altro. (sic.)*

**Referenzi**

[1] John Debono, Art and Artisans in St John's and other Churches in the Maltese Islands ca. 1650-1800, stone carving, marble, bells, clocks and organs, Malta, 2005, p. 388.
[2] John Debono, p. 391-2
[3] John Debono, p. 391.
[4] John Debono, p. 394.